MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 151/2011

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fid-19 ta' Mejju 2009 quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 tigi revokata stante li ma hija minnu dovuta ebda taxxa fuq l-*income* tieghu ghal tali sena ta' stima;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 5 sa' 7 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li ghar-

raguni moghtija fid-decizjoni tieghu tat-23 ta' April 2009, il-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 hija gusta u timmerita konferma;

Ra l-affidavit tar-Rikorrent a fol. 30 tal-process u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "GA1" sa' Dok. "GA3" a fol. 31 sa' 33 tal-process, sema' x-xhieda ta' Michael Scerri moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2012[1], ix-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru 2012[2], ix-xhieda ta' George Borg moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2012[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GA1" u Dok. "GA2" a fol. 57 sa' 64 tal-process, ra d-dokument esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fil-31 ta' Jannar 2013 a fol. 73 sa' 80 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mir-Rikorrent fid-29 ta' April 2013[4] u in-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fid-9 ta' Lulju 2013 a fol. 93 sa' 101 tal-process;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 23 ta' April 2009[5] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li l-oggezzjoni tieghu mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 mahruga kontrih mill-istess Kummissarju giet rifjutata stante li *int inqast li tipproduci l-kuntratt ta' impjieg tieghek li jevidenzja li l-kundizzjonijiet ta' impjieg tieghek kienu jinvolvu li x-xoghol isir barra minn Malta. Ghalhekk il-kaz tieghek huwa kklassifikat bhala impjieg ma' kumpanija lokali li ikkommissjonatek biex tizvolgi xi xoghol barra minn Malta u ghalhekk ma tikkwalifikax biex tigi ntaxxat bir-rati ta' overseas employment,* u konsegwentment li giet ikkonfermata l-

[1] Fol. 35 sa' 37 tal-process.
[2] Fol. 48 sa' 55 tal-process.
[3] Fol. 65 sa' 71 tal-process.
[4] Fol. 83 sa' 91 tal-process.
[5] Fol. 5 u 6 tal-process.

imsemmija Likwidazzjoni tat-Taxxa fl-ammont ta’ €4,403. Ir-Rikorrent hass ruhu aggravat b’dik id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u intavola l-appell odjern minnha permezz ta’ liema jitlob li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta’ stima 1998 mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tigi revokata in kwantu ebda taxxa ma hija minnu dovuta fuq l-*income* tieghu ghas-sena ta’ stima 1998.

L-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma s-segwenti: (i) *a copy of the contract of employment is available and can be forwarded to the tax authorities*; (ii) *I was led to believe by the tax authorities that a letter by the foreign employer was sufficien*t. Huwa in oltre jikkontendi li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija zbaljata ghaliex *employment was carried outside Malta and maximum tax for the income received amounts to Lm1,000. This should be calculated pro rata according to the number of months worked outside Malta (i.e. $7_{3/4}$ monts). From this NI paid has to be deducted resulting in no tax due.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jilqa’ ghall-appell tar-Rikorrent bl-eccezzjoni li ghar-raguni moghtija fid-decizjoni tieghu tat-23 ta’ April 2009 il-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta’ stima 1998 hija gusta u timmerita konferma u konsegwentement ghalhekk l-appell tar-Rikorrent ghandu jigi michud.

Mill-provi prodotti mir-Rikorrent jirrizulta li bejn l-1996 u l-1999 huwa kien impjegat bhala awditur mad-ditta Maltija Mizzi, Scerri, Said & Co. Tul dan il-perijodu r-Rikorrent intbaghat diversi drabi mid-ditta Maltija sabiex jippresta servizzi lid-ditta Ernst & Whinney Libya appuntu gewwa l-Libja. Tul is-sena 1997 b’mod partikolari huwa ghamel perijodu ta’ zmien – komplessivament ammontanti ghal madwar seba’ xhur u nofs – jahdem il-Libja mas-socjetà Ernst & Whinney Libya izda tul dan il-perijodu s-salarju tieghu, anke kif mizjud biex ikopri l-granet li ghamel jahdem il-Libja, kien jithallas mid-ditta Mizzi, Scerri, Said &

Co. Kif già osservat il-pretensjoni tar-Rikorrent hija fis-sens li fuq is-salarju tieghu ghas-sena 1997 l-massimu tat-taxxa li ghandha tithallas huwa ta' Lm1,000, liema ammont fil-kaz tieghu ghandu japplika pro-rata peress li ghamel madwar seba' xhur u nofs jahdem il-Libja, u wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali mhallsa ghal dik is-sena jirrizulta li ebda taxxa ma hija minnu dovuta fuq l-*income* ghal dik is-sena partikolari.

L-Artikolu tal-Ligi fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-pretensjoni tieghu huwa l-Artikolu 31(15) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, illum sostitwit bl-Artikolu 56(17) ta' l-imsemmi Att. L-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li *meta, matul is-sena li tigi minnufih qabel xi sena ta' stima, xi individwu jikseb income suggett ghat-taxxa taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, li jkunu emolumenti li jithallsu taht kuntratt ta' impjieg li jkun jehtieg li jsir xoghol jew dmirijiet principalment barra minn Malta*[6]*, izda minbarra kull servizz abbord bastiment, ingenju ta' l-ajru jew vettura tat-triq li jkunu proprjetà ta', noleggjati jew mikrija minn kumpannija Maltija u kull servizz ghall-Gvern ta' Malta, u li jigu ricevuti dwar xoghol jew dmirijiet li jsiru barra minn Malta, jew dwar xi perijodu f'Malta in konnessjoni ma' dak ix-xoghol jew ma' dawk id-dmirijiet, jew waqt leave matul il-qadi ta' dak ix-xoghol jew dmirijiet – (a) minkejja kull haga kuntrarja li tinsab f'dan l-Att, dak l-income ghandu jitqies li jikkostitwixxi l-ahhar parti ta' l-income totali ta' dak l-individwu ghal dik is-sena u, bla hsara ghad-disposizzjoniet tal-paragrafu (c) ta' dan is-subartikolu, ma jkunx suggett ghal ammont ta' taxxa li jkun izjed minn – (i) Lm300 fis-sena fil-kaz ta' haddiem mhux bis-sengha; (ii) Lm450 fis-sena fil-kaz ta' haddiem bis-sengha; (iii) Lm500 fis-sena fil-kaz ta' tekniku; u (iv) Lm1,000 fis-sena fil-kaz ta' individwu li jaghti servizz fil-management jew professjonali; (b) f'kull kaz partikolari l-Kummissarju ghandu jistabilixxi fid-diskrezzjoni assoluta tieghu liema kategorija mill-kategoriji murija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ghandha tigi applikata; (c) meta l-imsemmi xoghol jew l-imsemmija dmirijiet ma jsirux matul*

[6] Sottolinear tat-Tribunal.

*is-sena shiha, l-oghla ammonti applikabbli taht il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ghandhom jitnaqqsu bil-proporzjon li dak il-perijodu li matulu x-xoghol jew id-dmirijiet hekk isiru ghandu mas-sena shiha; (d) meta t-taxxa li ghandha tigi intaxxata lil xi individwu titnaqqas skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, din ghandha tkompli titnaqqas bl-ammont ta' kull kontribuzzjoni imhallsa mill-imsemmija individwu taht l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Socjali matul il-perijodu li fih ix-xoghol jew id-dmirijiet relattivi jkunu saru: Izda meta jsir xi tnaqqis bhal dak, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet ghas-Sigurtà Socjali li bih tkun hekk tnaqqset it-taxxa, ma jikkwalifikax bhala tnaqqis ghall-finijiet tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att.*

Fil-fehma tat-Tribunal il-qofol tal-kaz in ezami jirrivolvi madwar it-tifsira li ghandha tinghata lill-parti ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi li tipprovdi *li **jkunu emolumenti li jithallsu taht kuntratt ta' impjieg li jkun jehtieg li jsir xoghol jew dmirijiet principalment barra minn Malta*** u b'mod partikolari ghat-tifsira li tinghata lill-frasi ***kuntratt ta' impjieg*** u lill-frasi ***xoghol jew dmirijiet principalment barra minn Malta***. Dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-ftehim li r-Rikorrent kellu ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. kienx jikkostitwixxi **kuntratt ta' impjieg** ghall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jekk l-impjieg tar-Rikorrent kienx jehtieg li jsir xoghol jew dmirijiet **principalment** barra minn Malta dejjem ghall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi.

Id-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li ghall-fini li juri li huwa elegibbli li jibbenefika minn dak provdut fl-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrent kien u ghadu jehtieglu jipprova li *kien <u>marbut kuntrattwalment</u> li jaqdi dmirijietu principalment barra minn Malta; u li <u>jipprovdi evidenza</u> ta' l-ammont li hu jkun qala' barra minn Malta.* Dwar dan l-ahhar rekwizit però jippreciza li *jekk gabx evidenza ta' l-ammont li hu qed jallega li qala' barra minn Malta d-Direttur Generali jirrileva li tali kwistjoni ma hijiex mertu ta' dan l-appell* u allura l-

prova li dwarha ghadu jishaq id-Direttur Generali hija dik li r-Rikorrent kien marbut kontrattwalment li jaqdi dmirijietu principalment barra minn Malta.

Il-prova li d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jippretendi li ghandha ssir mir-Rikorrent hija prova dokumentarja u b'mod partikolari li r-Rikorrent jesebixxi **kuntratt ta' impjieg bil-miktub**. In effetti fin-Nota Responsiva tieghu d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontendi li *l-argument jekk kuntratt ta' impjieg ghandux ikun bil-miktub jew bil-fomm ma japplikax ghal kaz odjern u dan ghar-raguni li ma hemm l-ebda kwistjoni dwar jekk l-appellant kienx impjegat tad-ditta ta' awdituri Mizzi, Scerri, Said & Co. o meno matul is-sena 1997, u jekk kien hemm xi dubju dwar dan, il-post adatt ghar-rizoluzzjoni ta' kwistjoni bhal din ghandu jkun it-Tribunal Industrijali. Illi jidher car li l-appellant qed juza l-artikolu 2 tal-Kap.452* [in kwantu jikkontendi li kuntratt ta' impjieg ma ghandux ghalfejn ikun bil-miktub ghall-finijiet ta' validità u ezistenza tieghu] *sabiex jizvija l-argument mill-fatt illi huwa kien obbligat li jipprovdi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni evidenza f'forma ta' kuntratt dokumentat li jghid li hu, cioè XXX Aquilina, kien marbut kontrattwalment li jaghmel xoghol jew jaqdi dmirijiet principalment barra minn Malta, skond kif jidher li hu mehtieg mill-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 u mhux semplicement li jigi seconded barra minn Malta fuq xoghol li kellha d-ditta ta' l-awdituri li huwa kien ingaggat maghha. ... Illi fil-paragrafu 17 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, l-appellant sostna li hu 'tabilhaqq kien impjegat mas-socjetà Mizzi, Scerri, Said & Co. sabiex jahdem principlament barra minn Malta' u li dan kien 'stat ta' fatt car u inekwivoku'. Illi dawr dan id-Direttur Generali, hawn appellat, isostni illi tali asserzjoni trid tigi meqjusa fid-dawl li: (a) Fix-xhieda li kien ta l-istess appellant fil-5 ta' Ottubru 2012 huwa qal li ma jiftakarx li qatt iffirma xi kuntratt ta' impjieg ma' Mizzi, Scerri, Said & Co.; u kif ukoll (b) F'e-mail mibghuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni datata 7 ta' April 2009 (ara a fol. 57 tal-process) l-appellant qal illi li kieku kellu xi kuntratt ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. fih kien jissemma biss is-salarju baziku tieghu, il-vacation leave u s-sick leave, u dan jaghmel sens minhabba li dawn huma terms of engagement bazici li kull haddiem hawn Malta*

*ghandu dritt li jkun jaf bihom. Illi bir-rispett kollu d-Direttur Generali jikkontendi li kieku dak li qed jallega l-appellant huwa minnu, u cioè li wahda mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. kienet li jmur jahdem principalment barra minn Malta, specifikatament gewwa l-Libja, kundizzjoni tant fondamentali ma kienetx ser tinghad biss bil-fomm izda zgur kienet tigi formalizzata bil-kitba fil-kuntratt ta' impjieg. Dana izjed u izjed meta tqis li skond kif xehed XXX Aquilina quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, din kienet biss wahda minn numru ta' kundizzjonijiet b'relazzjoni ma' l-impjieg li huwa kellu ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. Nonostante dan, l-appellant qal li kieku ffirma xi kuntratt ma' Mizzi, Scerri, Said & Co., dan kien jittratta biss is-salarju baziku, il-vacation leave u s-sick leave*[7].

Ir-Rikorrent jopponi ghal u jikkontesta l-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu jikkontendi li *b'dan ir-ragonament il-Kummissarju intimat qieghed effettivament jissoggetta l-possibilità illi haddiem jibbenefika mid-dettami ta' l-imsemmi provvediment ghall-produzzjoni ta' kuntratt ta' impjieg bil-miktub, bhallikieku dan hu b'xi mod mehtieg ad validitatem mill-istess provvediment tal-Ligi. Illi l-esponenti jissottometti illi tali raguni ghar-rifjut ta' l-oggezzjoni intavolata mill-esponenti hija skorretta,* stante li kuntratt ta' impjieg huwa validu anke jekk ma huwiex redatt bil-miktub u fi kwalunkwe kaz huwa rnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li l-impjieg tieghu mad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. kien jinvolvi xoghol li principlament kellu jigi esegwit barra minn Malta[8].

It-Tribunal qies din il-kwistjoni bir-reqqa u huwa tal-fehma li ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), gustament jesigi prova cara, konkreta u sodisfacenti da parte ta' *taxpayer*, f'dan il-kaz ir-Rikorrent, li huwa elegibbli li jibbenefika minn dak provdut fl-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta,

[7] Nota Responsiva a fol. 93 sa' 101 tal-process.
[8] Para. 13 sa' 20 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti a fol. 83 sa' 91 tal-process.

il-posizzjoni minnu adottata fir-rigward tat-tip ta' prova pretiza, ossia **necessarjament kuntratt ta' impjieg bil-miktub**, hija rigida izzejjed u mhux sopportata mill-Ligi.

Kif sa' certu punt gustament osservat mir-Rikorrent, fil-Ligi nostrali kuntratt ta' impjeg jista' jkun kemm verbali kif ukoll bil-miktub b'dana ghalhekk li l-forma skritta ma hijiex mehtiega *ad validitatem*. Dan johrog ferm car mill-Artikolu 2 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien ghadu fis-sehh fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri, fejn *kuntratt ta' servizz* huwa imfisser bhala *ftehim, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal sew jekk il-kuntratt ikun ghal xoghol ta' l-idejn, xoghol tal-pinna jew xort' ohra, bil-hlas ta' paga, imma ma tfissirx ftehim ta' tahrig*, kif ukoll mill-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-Ligi vigenti llum, li jipprovdi illi *"kuntratt ta' servizz" u "kuntratt ta' impjieg" tfisser ftehim (barra minn servizz bhala membru ta' forza dixxiplinata), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal bil-hlas ta' paga u safejn ghandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet tal-impieg jinkludi ftehim ta' apprendistat: Izda sakemm ma jkunx specifikat mod iehor f'xi ligi ohra, f'dan l-Att jew f'xi regolamenti maghmula taht dan l-Att, irrispettivament minn kif tkun dikjarata n-natura tar-relazzjoni, kull meta l-principal jezercita direzzjoni, kontroll u ghazla effettiva fuq in-natura ta' xoghol jew xoghlijiet li qed isiru jew li jridu jsiru minn persuna ghal principal, dik ir-relazzjoni ghandha titqies bhala wahda ta' kuntratt ta' servizz u l-persuna li qed taghmel ix-xoghol ghandha titqies bhala impjegata tal-principal.*

Ladarba ai termini tal-Ligi kuntratt ta' impjieg jista' jkun kemm verbali kif ukoll bil-miktub u l-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx jipprovdi b'mod testwali u tassattiv li ghall-finijiet ta' dak fih provdut il-kuntratt ta' impjieg irid ikun redatt bil-miktub, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ma jistax jesigi li biex persuna tkun eligibbli

ghall-beneficcju provdut taht dak il-provvediment tal-Ligi necessarjament trid tkun marbuta b'**kuntratt ta' impjieg bil-miktub**. L-eligibilità ta' persuna li tibbenefika minn dak provdut fl-imsemmi artikolu tal-Ligi trid bla dubju ta' xejn tirrizulta b'mod car, konkret u sodisfacenti izda minn imkien ma johrog li l-prova necessarjament trid tkun **kuntratt ta' impjieg bil-miktub** kif pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni). Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien fid-dover li jezamina l-provi prodotti mir-Rikorrent u jiddetermina jekk in bazi ghal tali provi l-istess Rikorrent irnexxilux jipprova li jikkwalifika ghall-beneficcju provdut fl-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux li sommarjament jirrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrent in bazi ghar-raguni li *int inqast li tipproduci l-kuntratt ta' impjieg tieghek li jevidenzja li il-kundizzjonijiet ta' impjieg tieghek kienu jinvolvu li x-xoghol isir barra minn Malta. Ghalhekk il-kaz tieghek huwa kklassifikat bhala impjieg ma' kumpannija lokali li ikkommisjonatek biex tizvolgi xi xoghol barra minn Malta u ghalhekk ma tikkwalifikax biex tigi ntaxxat bir-rati ta' overseas employment.* Il-mod kif agixxa l-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent kien wiehed arbitrarju u mhux sopportat mill-Ligi u b'hekk il-posizzjoni minnu adottata f'dan il-kaz ma tistax tigi assekondata minn dan it-Tribunal.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta – li kienet il-Ligi vigenti fiz-zmien in kwistjoni – *kull principal, fi zmien l-ewwel sitt ijiem ta' kuntratt ta' servizz li ghandu jibqa' sejjer ghal izjed minn tmint ijiem, ghandu, kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx bil-miktub, jaghti jew jibghat lill-impjegat <u>dikjarazzjoni iffirmata mill-principal</u>[9] fejn juri fil-qosor: (a) l-isem u l-indirizz tal-principal u ta' l-impjegat; (b) ir-rati normali tal-pagi li ghandhom jithallsu; (c) ir-rati ta' sahra tal-pagi li ghandhom jithallsu; (d) il-hinijiet normali tax-xoghol; (e) kull meta jithallsu l-pagi; (f) il-vaganzi bi hlas, u l-permess ghall-vaganzi, ghall-mard u permessi ohra li impjegat ikun intitolat ghalihom; (g) il-kondizzjonijeit li tahthom jistghu jigu imposti multi mill-principal skond is-*

[9] Sottolinear tat-Tribunal.

*subartikolu (1) ta' l-artikolu 26; (h) kull kondizzjoni ohra specjali li tolqot l-impjieg ta' l-impjegat* – id-dikjarazzjoni hawn imsemmija hija xi haga ferm differenti minn kuntratt ta' impjieg bil-miktub pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), stante li kuntratt jigi ffirmat mill-partijiet kontraenti kollha, u jista' jaghti l-kaz li l-principal ma jibghatx tali dikjarazzjoni lill-impjegat.

Ma hemmx dubju li jista' jigi argumentat li r-Rikorrent kellu ta' l-inqas jipproduci tali dikjarazzjoni ffirmata mill-principal tiegu izda fil-kaz in ezami jehtieg jigi ikkunsidrat is-segwenti: (A) ma saritx prova li l-principal tar-Rikorrent kien effettivament irrilaxxja tali dikjarazzjoni a favur ir-Rikorrent; (B) dato ma non concesso li tali dikjarazzjoni setghet giet rilaxxjata mid-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. a favur ir-Rikorrent, il-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 inharget fl-**2006**, ossia (i) disa' snin wara s-sena bazi 1997; (ii) seba' snin wara li r-Rikorrent ma baqax iktar impjegat mad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co.; u (iii) fi zmien meta l-imsemija ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. ma kenitx ghadha qed topera, **u** (C) l-ewwel darba li jidher li r-Rikorrent intalab jipproduci kopja tal-kuntratt ta' impjieg tieghu – u allura prova dokumentarja konkreta dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu – kien b'e-mail datata **6 ta' April 2009**. Ghalhekk jirrizulta li r-Rikorrent legittimament seta' kellu diffikultà biex iressaq tali dikjarazzjoni in sostenn tal-posizzjoni tieghu, izda jirrizulta wkoll li huwa pproduca dawk id-dikjarazzjonijiet li seta' effettivament iressaq ossia d-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri bhala Dok. "GA1" u Dok. "GA2" a fol. 31 u 32 tal-process, imma dawn ma gewx ikkunsidrati bil-mod opportun mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li invece ghazel li jaqta' l-kwistjoni fil-qasir billi rrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrent ghall-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 in bazi ghar-raguni li ma giex ipprovdut kuntratt ta' impjieg bil-miktub.

Minkejja dan kollu appena osservat però it-Tribunal ma jistax jghaddi biex b'mod awtomatiku jilqa' l-appell interpost mir-Rikorrent mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 ghaliex qabel ma jasal ghal tali

konkluzjoni irid ikun sodisfatt li l-istess Rikorrent irnexxielu jipprova li l-imsemmija Likwidazzjoni tat-Taxxa hija eccessiva, oneru dan impost fuqu, ossia fuq ir-Rikorrent, a tenur ta' l-Artikolu 35(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex ir-Rikorrent jipprova li l-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 hija eccessiva, jehtieg jipprova b'mod sodisfacenti li huwa effettivament elegibbli ghall-beneficcju provdut fl-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana billi l-ewwel qabel kollox jipprova li l-impjieg tieghu ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. kien jehtieg mhux semplicement li jsir xoghol barra minn Malta izda li kien jehtieg li jsir xoghol **principalment** barra minn Malta. Fil-fehma tat-Tribunal però il-provi prodotti mir-Rikorrent ma jikkostitwixxux prova sodisfacenti ta' dan il-fatt.

Sfortunatament il-kuncett ta' *xoghol principlament barra minn Malta* ma huwiex wiehed definit fil-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jaghti lok ghal diversi problemi fl-interpretazzjoni ta' l-istess. Nonostante dan il-fatt però t-Tribunal huwa konvint li dan il-kuncett ta' *xoghol principalment barra minn Malta* huwa intrinsikament marbut maz-**zmien** li ghalih il-principal ikun ingagga lill-impjegat sabiex jaghmel jahdem barra minn Malta u tali zmien ghadu mhux biss jirrizulta b'mod definit mill-**kondizzjonijiet ta' l-impjeg** – bil-miktub jew bil-fomm che siano – izda jkun effettivament **kondizzjoni centrali** ghal tali impjieg.

Ghalkemm mill-provi prodotti mir-Rikorrent jirrizulta li l-impjieg tieghu mad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. kien jinvolvi xoghol barra minn Malta u li bhala fatt tul l-impjieg tieghu ma' din id-ditta effettivament intbaghat jahdem barra minn Malta, senjatament il-Libja, fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-impjieg tieghu mad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. kien jinvolvi bhala kondizzjoni centrali ta' tali impjeg li huwa jesegwixxi xoghol **principalment** barra minn Malta kif intiz fl-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tieghu Michael Scerri, wiehed mill-partners tad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. fiz-zmien meta r-Rikorrent kien impjegat taghha, jikkonferma illi *I hereby*

*certify and confirm that Mr. XXX Aquilina Id. Card No. 65370(M) residing at "Aquila" Triq ir-Rebha, Gzira, was employed by the company as an accountant and his duties were both in Malta and abroad*[10] *as had been included in his engagement terms*, izda ma jikkwalifikax z-zmien li matulu r-Rikorrent kien mistenni li jahdem barra minn Malta tul il-kors ta' dan l-impjieg. Mill-kontro-ezami tieghu[11] jirrizulta li d-determinazzjoni taz-zmien li matulu r-Rikorrent kien mistenni li jahdem barra minn Malta kienet wahda diskrezzjonali ghad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. li kienet tibghatu, kif del resto jidher li kienet tibghat lill-impjegati l-ohra kollha taghha, skond l-esigenzi taghha li kienu jinqalghu minn zmien ghal zmien, li kultant kienu jirrikjedu safar ghal ftit xhur u xi minn daqqiet ohra ghal zmien itwal.

Ir-Rikorrent stess ghalkemm jishaq fuq il-fatt li matul is-sena 1997 b'kollox huwa ghamel madwar seba' xhur u nofs jahdem il-Libja, in kontro-ezami[12] kkonferma li fil-kondizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu ma kienx marbut b'xi zmien partikolari li kien mistenni li jahdem barra minn Malta peress illi dan iz-zmien kien dettat mill-esigenzi tal-principal tieghu. In effetti ghall-mistoqsijiet *meta inti dhalt ma' Mizzi, Scerri, Said & Co. kellek xi zmien specifiku ta' zmien li kellek tahdem barra ghax kien miftiehem jew dan kien skond il-htiega ta' Mizzi, Scerri, Said & Co. skond ir-requirements ta' Ernst & Whinney, jigifieri ma kienx hemm agreement minn qabel li inti kellek taghmel disa' xhur tahdem il-Libja u tlett xhur tahdem Malta? U lanqas li minn sena taghmel disa' xhur barra u l-kumplament Malta? U tista' ma taghmel xejn ukoll ghax tista' ma tinqalax il-htiega jew jibghatu lil haddiehor?* ir-Rikorrent irrisponda *le l-agreement kien li mmur nahdem barra imma ma kienx hemm zmien fiss kemm indum*. *Nista' naghmel tliet xhur, nista' naghmel disa' xhur ma kienx hemm time limit* u ghall-ahhar mistoqsija: *Hekk hu.*

Ghalhekk indipendentement mit-tul ta' zmien li r-Rikorrent ghamel jahdem il-Libja matul is-sena 1997, jirrizulta b'mod

10 Sottolinear tat-Tribunal.
11 Seduta tas-17 ta' Mejju 2012, fol. 35 sa' 37 tal-process.
12 Seduta tal-5 ta' Ottubru 2012, fol. 48 sa' 55 tal-process.

car li t-**tul ta' zmien per se** li huwa kien mistenni jahdem barra minn Malta tul l-impjieg tieghu mad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co. ma kienx kondizzjoni centrali ta' l-impjieg tieghu ma' l-imsemmija ditta peress illi dan kien purament diskrezzjonali ghad-ditta u kien ivarja minn zmien ghall-iehor, u konsegwetment ma jistax jinghad u jigi konkluz li l-kuntratt jew ftehim ta' impjieg tieghu ma' l-isemmija ditta kien jehtieg li jsir xoghol **principalment** barra minn Malta kif intiz ghall-finijiet ta' l-Artikolu 31(15) tal-Kap.123 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-appell intavolat mir-Rikorrent mill-Likwidazzjoni tat-Taxx ghas-sena ta' stima 1998 ma jirrizultax fondat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jichad l-appell interpost mir-Rikorrent mill-Likwidazzjoni tat-Taxxa ghas-sena ta' stima 1998 u konsegwentement jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni tat-Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

A tenur ta' l-Artikolu 35(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li Avviz ta' din id-decizjoni ghandu jintbaghat lid-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jordna li kopja ta' l-istess Avviz tigi notifikata jew personalment jew bil-post registrata lir-Rikorrent u ghandu jinforma lill-istess Rikorrent bid-drittijiet tieghu ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------